TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 217/10

**Piotr Skoczylas**

**vs**

**SeaNav Maritime Services Limited**

Illum 16 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u ħamsa u għoxrin ewro (€225) rappreżentanti ħsarat fuq skrivanija waqt traġitt fuq il-vapur minn Londra għal Malta.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ingaġġa lis-soċjeta' intimata sabiex iwassallu l-karozza u xi oġġetti personali minn Londra għal Malta, bil-kundizzjoni li jaċċetta t-tort jekk xi affarijiet jiġu neqsin jew jirriżultalhom xi ħsara. Jirriżulta li l-iskrivanija kellha sieq waħda miksura, u minkejja li s-soċjeta' intimata pruvat tirranġa xorta baqgħet bil-problema.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, m'attendietx għas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-ħin tas-seduta s-soċjeta' intimata kienet għada ma bagħtitx risposta bil-miktub.

Wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, t-Tribunal jikkunsidra li t-talba tiegħu hija ġustifikata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**